interna u esterna tal-UE. It-theddid għas-sigurtà qed isir dejjem aktar globali u kumpless, li jirriżulta mill-kapaċità tal-kriminali li joperaw bejn il-fruntieri, jisfruttaw id-disparitajiet soċjali u ekonomiċi, u jinnavigaw bejn id-dinja fiżika u dik diġitali. Fl-istess ħin, it-teknoloġiji diġitali ġodda ***u l-intelliġenza artifiċjali*** joffru opportunitajiet sinifikanti biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji u biex dan it-theddid li qed jevolvi jiġi indirizzat b'mod effettiv.	interna u esterna tal-UE. It-theddid għas-sigurtà qed isir dejjem aktar globali u kumpless, li jirriżulta mill-kapaċità tal-kriminali li joperaw bejn il-fruntieri, jisfruttaw id-disparitajiet soċjali u ekonomiċi, u jinnavigaw bejn id-dinja fiżika u dik diġitali. Fl-istess ħin, it-teknoloġiji diġitali ġodda joffru opportunitajiet sinifikanti biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji u biex dan it-theddid li qed jevolvi jiġi indirizzat b'mod effettiv.
[6] Il-Komunikazzjoni COM(2025) 148 finali tal-1 ta' April 2025 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna.	[6] Il-Komunikazzjoni COM(2025) 148 finali tal-1 ta' April 2025 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: L-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandhiex tiġi individwata teknoloġija speċifika waħda.

Emenda 52
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkonċentra fuq azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. Is-sigurtà għandha intrinsikament dimensjoni transfruntiera u għaldaqstant ***jenħtieġ*** rispons tal-Unjoni b'saħħtu u kkoordinat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod	(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkonċentra fuq azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom***, b'mod partikolari billi jappoġġa l-kooperazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti***. Is-sigurtà għandha intrinsikament dimensjoni transfruntiera u għaldaqstant ***huwa meħtieġ*** rispons tal-

effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-"Istrateġija ***protetEU***". F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ewlieni għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, u ċ-ċiberkriminalità.

Unjoni b'saħħtu u kkoordinat***, anke mill-Istati Membri, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi tagħhom fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali***. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-"Istrateġija ***ProtectEU***". F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ewlieni għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, u ċ-ċiberkriminalità***, kif ukoll it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tad-droga u forom oħra ta' kriminalità transfruntiera li jheddu s-sigurtà taċ-ċittadini tal-Istati Membri***.

Or. sk

Emenda 53
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkonċentra fuq azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. ***Is-sigurtà għandha*** intrinsikament dimensjoni transfruntiera u għaldaqstant ***jenħtieġ*** rispons tal-Unjoni b'saħħtu u kkoordinat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-"Istrateġija ***protetEU***". F'konformità mal-	(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkonċentra fuq azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. ***Kwistjonijiet ta' sigurtà magħrufa, bħall-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-bnedmin, għandhom*** intrinsikament dimensjoni transfruntiera u għaldaqstant jenħtieġ rispons tal-Unjoni b'saħħtu u kkoordinat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu

prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ewlieni għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, u ċ-ċiberkriminalità.	indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-"Istrateġija ***ProtectEU***". F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ewlieni għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti***, it-traffikar tal-bnedmin***, u ċ-ċiberkriminalità.
	Or. fi

Emenda 54
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkonċentra fuq azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. Is-sigurtà għandha ***intrinsikament*** dimensjoni transfruntiera u għaldaqstant ***jenħtieġ*** rispons tal-Unjoni b'saħħtu u kkoordinat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-"Istrateġija ***protetEU"***. F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ewlieni għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata***, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, u ċ-ċiberkriminalità***.	(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkonċentra fuq azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. Is-sigurtà għandha dimensjoni transfruntiera ***inerenti*** u għaldaqstant ***huwa meħtieġ*** rispons tal-Unjoni b'saħħtu u kkoordinat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-"Istrateġija ***ProtectEU"***. F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ewlieni għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata.

Or. en

Emenda 55
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkonċentra fuq azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. Is-sigurtà għandha ***intrinsikament*** dimensjoni transfruntiera u għaldaqstant ***jenħtieġ rispons tal-Unjoni b'saħħtu*** u ***kkoordinat***. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest ***tal-"Istrateġija protetEU"***. F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ewlieni għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, u ċ-ċiberkriminalità.	(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkonċentra fuq azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. Is-sigurtà għandha dimensjoni transfruntiera ***inerenti*** u għaldaqstant ***hija meħtieġa kooperazzjoni b'saħħitha*** u ***mill-qrib mal-Istati Membri***. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-"Istrateġija ***ProtectEU"***. F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ewlieni għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, u ċ-ċiberkriminalità.

Or. en

Emenda 56
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkonċentra fuq azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. Is-sigurtà għandha ***intrinsikament*** dimensjoni transfruntiera u għaldaqstant ***jenħtieġ*** rispons tal-Unjoni b'saħħtu u kkoordinat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-"Istrateġija ***protetEU"***. F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ***ewlieni*** għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata***, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, u ċ-ċiberkriminalità***.	(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkonċentra fuq azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. Is-sigurtà għandha dimensjoni transfruntiera ***inerenti*** u għaldaqstant ***huwa meħtieġ*** rispons tal-Unjoni b'saħħtu u kkoordinat. Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-"Istrateġija ***ProtectEU"***. F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ***jew riskji ewlenin*** għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandna nevitaw li nindividaw tipi speċifiċi ta' reati, anke minħabba li kien hemm listi pjuttost differenti fit-test propost.

Emenda 57
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Sophie Wilmès, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ***jikkonċentra fuq*** azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. Is-sigurtà għandha ***intrinsikament*** dimensjoni transfruntiera u għaldaqstant ***jenħtieġ*** rispons tal-Unjoni b'saħħtu u kkoordinat.	(7) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ***jiffinanzja biss*** azzjonijiet li għalihom l-intervent mill-Unjoni jista' jagħti aktar valur miżjud meta mqabbel ma' azzjoni mill-Istati Membri waħedhom. Is-sigurtà għandha dimensjoni transfruntiera ***inerenti*** u għaldaqstant ***huwa meħtieġ*** rispons tal-Unjoni b'saħħtu u kkoordinat. Għalhekk,

Għalhekk, jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest ***tal-"Istrateġija protetEU"***. F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ewlieni għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, u ċ-ċiberkriminalità.

jenħtieġ li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-"Istrateġija ***ProtectEU"***. F'konformità mal-prijoritajiet kondiviżi identifikati fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonċerna miżuri mmirati lejn l-indirizzar tat-theddid ewlieni għas-sigurtà u, b'mod partikolari, lejn il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, u ċ-ċiberkriminalità.

Or. en

Emenda 58
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Mill-2015, il-migrazzjoni irregolari fuq skala kbira kkostitwiet sfida kbira għas-sigurtà interna ta' diversi Stati Membri. L-iskala tal-movimenti migratorji poġġiet pressjoni sinifikanti fuq il-ġestjoni tal-fruntieri, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u s-sistemi tas-sigurtà pubblika, filwaqt li żiedet il-vulnerabbiltajiet li jistgħu jiġu sfruttati minn atturi kriminali u estremisti. L-azzjonijiet appoġġati skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-indirizzar ta' dawn l-isfidi tas-sigurtà.

Or. en

Emenda 59
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7b) In-networks tal-kriminalità organizzata jkomplu jisfruttaw ir-rotot tal-migrazzjoni irregolari għall-finijiet tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, tat-traffikar ta' bnedmin, tal-frodi tad-dokumenti u ta' forom oħra ta' kriminalità organizzata serja. Jenħtieġ li l-azzjonijiet appoġġati skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri biex jipprevjenu, jidentifikaw u jiġġieldu tali attivitajiet.

Or. en

Emenda 60
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 7c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7c) It-theddid terroristiku qed ikompli jevolvi u jinkludi theddid minn organizzazzjonijiet ġihadisti konnessi internazzjonalment, li jibqgħu sors sinifikanti ta' attività terroristika li taffettwa s-sigurtà ta' diversi Stati Membri.

Or. en

Emenda 61
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-appoġġ tal-Unjoni għandu jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, it-taħriġ konġunt tal-persunal u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma jkoprix il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna u nazzjonali.	(8) L-appoġġ tal-Unjoni għandu jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, it-taħriġ konġunt tal-persunal u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata***, inkluż it-traffikar ta' bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tad-droga, iċ-ċiberkriminalità u forom oħra ta' kriminalità transfruntiera***. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma jkoprix il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna u nazzjonali***, li għalihom l-Istati Membri jkomplu jġorru r-responsabbiltà primarja***.

Or. sk

Emenda 62
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Sophie Wilmès, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-appoġġ tal-Unjoni ***għandu*** jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, it-taħriġ konġunt tal-persunal u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet	(8) L-appoġġ tal-Unjoni ***jenħtieġ li*** jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, it-taħriġ konġunt tal-persunal u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet

kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma jkoprix il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma tal-ordni ***pubbliku*** u s-salvagwardja tas-sigurtà interna u nazzjonali**.**

kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma jkoprix il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma ***tal-liġi u*** tal-ordni u s-salvagwardja tas-sigurtà interna u nazzjonali***, il-kontrolli tal-fruntieri interni u l-iżvilupp, ix-xiri u l-użu ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza;***

Or. en

Emenda 63
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-appoġġ tal-Unjoni għandu jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, it-taħriġ konġunt tal-persunal u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma jkoprix il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna u	(8) L-appoġġ tal-Unjoni għandu jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità ***transfruntiera***, it-taħriġ konġunt tal-persunal ***fir-rigward ta' tali kriminalità*** u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma jkoprix il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-

nazzjonali.	salvagwardja tas-sigurtà interna u nazzjonali.

Or. fi

Emenda 64
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-appoġġ tal-Unjoni ***għandu*** jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, it-taħriġ konġunt tal-persunal u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma jkoprix il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna u nazzjonali.	(8) L-appoġġ tal-Unjoni ***jenħtieġ li*** jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, it-taħriġ konġunt tal-persunal u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma jkoprix il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna u nazzjonali.

Or. en

Emenda 65
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) L-appoġġ tal-Unjoni ***għandu*** jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, it-taħriġ konġunt tal-persunal u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma jkoprix il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma tal-ordni ***pubbliku*** u s-salvagwardja tas-sigurtà interna u nazzjonali.	(8) L-appoġġ tal-Unjoni ***jenħtieġ li*** jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, it-taħriġ konġunt tal-persunal u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata. Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma jkoprix il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma ***tal-liġi u*** tal-ordni u s-salvagwardja tas-sigurtà interna u nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kompetenza nazzjonali, ara l-Premessa (1).

Emenda 66
Sophie Wilmès, Malik Azmani, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) is-sigurtà hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tiddependi fuq approċċ Ewropew unifikat. Kif stabbilit fl-istrateġija ***tal-UE għall-protezzjoni***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-	(9) Is-sigurtà hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-Istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tiddependi fuq approċċ Ewropew unifikat***. Iċ-ċittadini jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet garantiti mit-Trattati u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-***

politiki u l-programmi kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.

Unjoni Ewropea biss meta jħossuhom sikuri u protetti fil-ħajja ta' kuljum tagħhom. Għalhekk, l-iżgurar tas-sigurtà huwa prerekwiżit għall-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet fundamentali u għaż-żamma tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi u fl-istat tad-dritt. Kif stabbilit fl-Istrateġija ***ProtectEU***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.

Or. en

Emenda 67
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***is-sigurtà*** hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tiddependi fuq ***approċċ Ewropew unifikat***. Kif stabbilit fl-istrateġija ***tal-UE għall-protezzjoni***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.	(9) ***Is-sigurtà*** hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tiddependi fuq ***kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri u azzjoni koordinata fil-livell tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi tagħhom fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali***. Kif stabbilit fl-Istrateġija ***ProtectEU***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE***, b'mod partikolari bil-ħsieb li tissaħħaħ ir-reżiljenza għat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u transfruntiera u l-attakki kontra l-infrastruttura kritika***. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu

indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.

Or. sk

Emenda 68
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***is-sigurtà hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tiddependi fuq approċċ Ewropew unifikat.*** Kif stabbilit fl-istrateġija ***tal-UE għall-protezzjoni***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE***, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE***. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.	(9) Kif stabbilit fl-Istrateġija ***ProtectEU***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.

Or. en

Emenda 69
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***is-sigurtà*** hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini ***tiddependi fuq approċċ*** Ewropew ***unifikat***. Kif stabbilit fl-istrateġija ***tal-UE għall-protezzjoni***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE,	(9) ***Is-sigurtà*** hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini ***hija bbażata fuq il-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tagħhom stess u tista' tissaħħaħ, speċjalment fil-każ ta' kriminalità transfruntiera, permezz ta' kooperazzjoni fil-livell*** Ewropew. Kif stabbilit fl-

inkluża l-azzjoni esterna tal-UE. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.	Istrateġija ***ProtectEU***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.
	Or. pl

Emenda 70
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) is-sigurtà hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tiddependi fuq ***approċċ Ewropew unifikat***. ***Kif stabbilit fl-istrateġija tal-UE għall-protezzjoni,*** il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà ***jeħtieġ*** li ***jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki*** u l-programmi ***kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE***. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati ***dawn*** il-kunsiderazzjonijiet.	(9) Is-sigurtà hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-Istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini ***tagħhom*** tiddependi fuq ***kooperazzjoni operazzjonali effettiva u sostnuta***. Il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà ***jenħtieġ*** li ***jitqiesu kif xieraq fil-politiki*** u l-programmi ***rilevanti tal-Unjoni, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà u r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri***. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati ***dawk*** il-kunsiderazzjonijiet.
	Or. en

Emenda 71
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***is-sigurtà hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità*** tal-istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tiddependi fuq approċċ Ewropew unifikat. Kif stabbilit fl-istrateġija ***tal-UE għall-protezzjoni***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.	(9) ***Il-kapaċità*** tal-Istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tiddependi fuq approċċ Ewropew unifikat. Kif stabbilit fl-Istrateġija ***ProtectEU***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-libertajiet tagħna huma awtonomi, kif minqux fil-Karta. Dawn mhumiex mibnija fuq is-sigurtà. Ara l-paragrafu 7 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar "Il-Programm ta' Stokkolma", P7_TA(2009)0090: "Jenfasizza li l-UE għandha għeruqha mħawla fil-prinċipju tal-libertà; jirrimarka li bħala appoġġ għal dik il-libertà, is-sigurtà għandha tiġi segwita permezz tal-istat tad-dritt u tkun soġġetta għall-obbligi tad-drittijiet fundamentali; jistqarr li l-bilanċ bejn is-sigurtà u l-libertà għandu jiġi kkunsidrat minn din il-perspettiva".

Emenda 72
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***is-sigurtà*** hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tiddependi fuq approċċ Ewropew unifikat. Kif stabbilit fl-istrateġija ***tal-UE għall-protezzjoni***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu	(9) ***Is-sigurtà*** hija l-pedament li fuqu jinbnew il-libertajiet kollha tagħna u li l-kapaċità tal-istati Membri li jiggarantixxu s-sigurtà għaċ-ċittadini tiddependi fuq approċċ Ewropew unifikat ***f'ċerti każijiet***. Kif stabbilit fl-Istrateġija ***ProtectEU***, il-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà jeħtieġ li jiġu integrati u integrati fil-leġiżlazzjoni, il-politiki u l-programmi kollha tal-UE, inkluża l-azzjoni esterna tal-UE. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu

indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.	indirizzati dawn il-kunsiderazzjonijiet.

Or. fi

Emenda 73
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Is-sitwazzjoni tas-sigurtà fl-Unjoni hija marbuta mill-qrib mal-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tagħha u mal-implimentazzjoni effettiva tas-Sistema komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fl-Unjoni illegalment (ir-Regolament dwar ir-Ritorn). Għalhekk, jenħtieġ li l-objettivi ta' dan ir-Regolament jiġu implimentati b'mod konsistenti u komplementari mal-appoġġ tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri stabbilit skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għaż-żona Schengen, għal ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri u għall-politika komuni dwar il-viżi, u jenħtieġ li jappoġġaw l-objettiv ġenerali li jiġi żgurat ir-ritorn effettiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

Or. en

Emenda 74
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26	***imħassar***

ta' Ġunju 2025[7] , il-Kunsill Ewropew fakkar li l-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, kemm online kif ukoll offline, jirrappreżentaw theddida kbira għaċ-ċittadini Ewropej u għas-sigurtà tal-Istati Membri. il-Kunsill Ewropew issottolinja wkoll it-theddida maħluqa mill-infiltrazzjoni kriminali tal-istrutturi legali tan-negozju li għandha impatt detrimentali fuq il-finanzi pubbliċi u s-Suq Uniku. il-Kunsill Ewropew appella lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-istati Membri biex jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-UE u biex jieħdu azzjoni ulterjuri biex isaħħu l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż dwar l-aċċess effettiv għad-data għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u billi jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni, u permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

---

[7] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill, EUCO 12/25 tas-26 ta' Ġunju 2025.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma hemmx bżonn li l-Kunsill jiġi individwat b'dan il-mod, meta ma jkun hemm ebda referenza simili għad-dikjarazzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Emenda 75
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill Ewropew[7] fakkar li l-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, kemm online kif ukoll	(10) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill Ewropew[7] fakkar li l-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, kemm online kif ukoll

offline, jirrappreżentaw theddida kbira għaċ-ċittadini Ewropej u għas-sigurtà tal-Istati Membri. il-Kunsill Ewropew issottolinja wkoll it-theddida maħluqa mill-infiltrazzjoni kriminali tal-istrutturi legali tan-negozju li għandha impatt detrimentali fuq il-finanzi pubbliċi u s-Suq Uniku. il-Kunsill Ewropew appella lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-istati Membri biex jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-UE u biex jieħdu azzjoni ulterjuri biex isaħħu l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż dwar l-aċċess effettiv għad-data għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u billi jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni, u permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

offline, jirrappreżentaw theddida kbira għaċ-ċittadini Ewropej u għas-sigurtà tal-Istati Membri. il-Kunsill Ewropew issottolinja wkoll it-theddida maħluqa mill-infiltrazzjoni kriminali tal-istrutturi legali tan-negozju li għandha impatt detrimentali fuq il-finanzi pubbliċi u s-Suq Uniku***, kif ukoll ir-rabtiet dejjem akbar bejn il-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti***. il-Kunsill Ewropew appella lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-istati Membri biex jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-UE u biex jieħdu azzjoni ulterjuri biex isaħħu l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż dwar l-aċċess effettiv għad-data għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u billi jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni, u permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi***, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà nazzjonali u l-ordni pubbliku***.

[7] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill, EUCO 12/25 tas-26 ta' Ġunju 2025.

[7] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill, EUCO 12/25 tas-26 ta' Ġunju 2025.

Or. sk

Emenda 76
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2025[7] , il-Kunsill Ewropew fakkar li l-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, kemm online kif ukoll offline, jirrappreżentaw theddida kbira għaċ-ċittadini Ewropej u għas-sigurtà tal-	(10) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2025[7] , il-Kunsill Ewropew fakkar li l-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, kemm online kif ukoll offline, jirrappreżentaw theddida kbira għaċ-ċittadini Ewropej u għas-sigurtà tal-

Istati Membri. il-Kunsill Ewropew issottolinja wkoll it-theddida maħluqa mill-infiltrazzjoni kriminali tal-istrutturi legali tan-negozju li għandha impatt detrimentali fuq il-finanzi pubbliċi u s-Suq Uniku. il-Kunsill Ewropew appella lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-istati Membri biex jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-UE u biex jieħdu azzjoni ulterjuri biex isaħħu l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż dwar l-aċċess effettiv għad-data għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u billi jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni, u permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

[7] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill, EUCO 12/25 tas-26 ta' Ġunju 2025.

Istati Membri. il-Kunsill Ewropew issottolinja wkoll it-theddida maħluqa mill-infiltrazzjoni kriminali tal-istrutturi legali tan-negozju li għandha impatt detrimentali fuq il-finanzi pubbliċi u s-Suq Uniku. Il-Kunsill Ewropew appella lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri biex jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-UE u biex jieħdu azzjoni ulterjuri biex isaħħu l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż dwar l-aċċess effettiv għad-data għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u billi jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni, u permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. ***Tali miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, inklużi r-rekwiżiti applikabbli relatati mal-protezzjoni tad-data personali u d-drittijiet fundamentali.***

[7] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill, EUCO 12/25 tas-26 ta' Ġunju 2025.

Or. en

Emenda 77
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2025[7] , il-Kunsill Ewropew fakkar li l-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, kemm online kif ukoll offline, jirrappreżentaw theddida kbira għaċ-ċittadini Ewropej u għas-sigurtà tal-Istati Membri. il-Kunsill Ewropew issottolinja wkoll it-theddida maħluqa mill-infiltrazzjoni kriminali tal-istrutturi legali tan-negozju li għandha impatt detrimentali fuq il-finanzi pubbliċi u s-Suq Uniku. il-	(10) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2025[7] , il-Kunsill Ewropew fakkar li l-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, kemm online kif ukoll offline, jirrappreżentaw theddida kbira għaċ-ċittadini Ewropej u għas-sigurtà tal-Istati Membri. Il-Kunsill Ewropew issottolinja wkoll it-theddida maħluqa mill-infiltrazzjoni kriminali tal-istrutturi legali tan-negozju li għandha impatt detrimentali fuq il-finanzi pubbliċi u s-Suq Uniku. Il-

Kunsill Ewropew appella lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-istati Membri biex jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-UE u biex jieħdu azzjoni ulterjuri biex isaħħu l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż dwar l-aċċess effettiv għad-data għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u billi jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni, u permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.	Kunsill Ewropew appella lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri biex jimmobilizzaw ir-riżorsi kollha disponibbli fil-livell nazzjonali u tal-UE u biex jieħdu azzjoni ulterjuri biex isaħħu l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, inkluż dwar l-aċċess effettiv għad-data għal finijiet ta' infurzar tal-liġi ***filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza*** u billi jiżguraw l-iskambju ta' informazzjoni, u permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.
[7] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill, EUCO 12/25 tas-26 ta' Ġunju 2025.	[7] Il-konklużjonijiet tal-Kunsill, EUCO 12/25 tas-26 ta' Ġunju 2025.
	Or. en

Emenda 78
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) F'żona mingħajr kontrolli tal-fruntieri interni, is-sigurtà interna tiddependi fuq il-kapaċità tal-pulizija, tad-dwana, tal-awtoritajiet ġudizzjarji u ta' awtoritajiet kompetenti oħra li jikkooperaw malajr u b'mod effettiv bejn il-fruntieri. Għalhekk, jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jsaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera prattika, inklużi task forces operazzjonali, skwadri ta' investigazzjoni konġunta, viġilanzi konġunti, skambju sigur ta' informazzjoni, trattament diġitali tal-evidenza, kooperazzjoni mal-Europol u mal-Eurojust, u t-tagħmir meħtieġ għal tali kooperazzjoni.
	Or. en

Emenda 79
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Sophie Wilmès, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Sabiex jipprevjeni u jiġġieled it-theddid għas-sigurtà interna, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-istati Membri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, iċ-ċiberkriminalità u l-azzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi tas-sigurtà diġitali u teknoloġika, ir-reżiljenza tat-theddid għall-infrastruttura kritika online, it-theddid għas-sigurtà fil-qasam marittimu, it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar illeċitu tad-drogi, it-traffikar illeċitu tal-armi, il-ħasil tal-flus, l-irkupru tal-assi u l-kriminalità finanzjarja, il-kriminalità ambjentali, l-iffalsifikar tal-mezzi ta' pagament u r-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-assistenza u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, il-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi, u l-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà relatat mas-CBRN-E u l-ġestjoni tal-inċidenti, inkluż permezz ta' aktar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, is-soċjetà ċivili u s-sħab privati fi Stati Membri differenti. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi wkoll għall-akkwist u l-implimentazzjoni mill-istati Membri ta' metodi u teknoloġiji innovattivi fil-qasam tas-sigurtà interna, b'mod partikolari dawk appoġġati mir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka. Barra minn hekk, f'xenarju	(11) Sabiex jipprevjeni u jiġġieled it-theddid għas-sigurtà interna, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, iċ-ċiberkriminalità u l-azzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi tas-sigurtà diġitali u teknoloġika, ir-reżiljenza tat-theddid għall-infrastruttura kritika online, it-theddid għas-sigurtà fil-qasam marittimu, it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar illeċitu tad-drogi, it-traffikar illeċitu tal-armi***, il-korruzzjoni***, il-ħasil tal-flus, l-irkupru tal-assi u l-kriminalità finanzjarja, il-kriminalità ambjentali, l-iffalsifikar tal-mezzi ta' pagament u r-reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-assistenza u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, il-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi, u l-indirizzar tat-theddid għas-sigurtà relatat mas-CBRN-E u l-ġestjoni tal-inċidenti, inkluż permezz ta' aktar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, is-soċjetà ċivili u s-sħab privati fi Stati Membri differenti. ***L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jsaħħaħ ukoll il-kapaċitajiet tal-Istati Membri li jespandu l-kooperazzjoni fl-approċċ amministrattiv tagħhom għall-kriminalità serja u organizzata, li huwa mod komplementari għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-użu ħażin tal-infrastruttura legali permezz ta' kooperazzjoni bejn diversi aġenziji billi jikkondividu l-informazzjoni u jieħdu azzjonijiet sabiex***

politiku globali li qed jinbidel, id-dimensjoni esterna tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hija ta' importanza ewlenija. Għalhekk, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u s-sħubija ma' pajjiżi terzi, li jaqdu l-interessi tal-politiki interni tal-Unjoni.

jiġu stabbiliti ostakli għall-kriminali biex jaġixxu b'mod transfruntier. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi wkoll għall-akkwist u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' metodi u teknoloġiji innovattivi fil-qasam tas-sigurtà interna, b'mod partikolari dawk appoġġati mir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka. Barra minn hekk, f'xenarju politiku globali li qed jinbidel, id-dimensjoni esterna tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hija ta' importanza ewlenija. Għalhekk, l-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u s-sħubija ma' pajjiżi terzi, li jaqdu l-interessi tal-politiki interni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 80
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni***, f'konformità mal-integrazzjoni tas-sigurtà***. F'dak il-kuntest, l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li b'mod partikolari jikkontribwixxi għall-ġlieda u l-prevenzjoni tal-kriminalità serja u organizzata***, inkluż it-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, u n-networks transfruntiera ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni***. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.	(12) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li b'mod partikolari jikkontribwixxi għall-ġlieda u l-prevenzjoni tal-kriminalità serja u organizzata. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal darb'oħra, biex ma jiġux individwati tipi speċifiċi ta' reati.

Emenda 98
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Peress li l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fit-theddid għas-sigurtà interna u esterna u l-ħtieġa li l-finanzjament jiġi orjentat lejn il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-Unjoni. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.	(13) Peress li l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fit-theddid għas-sigurtà interna u esterna u l-ħtieġa li l-finanzjament jiġi orjentat lejn il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-Unjoni***, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u r-riskji differenti tas-sigurtà tal-Istati Membri individwali***. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.

Or. sk

Emenda 99
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Peress li l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fit-theddid għas-sigurtà ***interna u esterna*** u l-ħtieġa li l-finanzjament jiġi orjentat lejn il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-Unjoni. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ***għall-agrikoltura*** u rurali, ***għas-sajd*** u ***għas-settur marittimu***, ***għall-prosperità*** u ***għas-sigurtà***. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.	(13) Peress li l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fit-theddid għas-sigurtà u l-ħtieġa li l-finanzjament jiġi orjentat lejn il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-Unjoni. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ***l-agrikoltura*** u ***ż-żoni*** rurali, ***is-sajd*** u ***l-affarijiet marittimi***, ***il-prosperità*** u ***s-sigurtà***. Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri. ***Jenħtieġ li dejjem jiġu żgurati sorveljanza parlamentari u kontroll baġitarju suffiċjenti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tiġi evitata l-konfużjoni mas-sigurtà esterna, li taqa' taħt il-PSDK.

Emenda 100
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Peress li l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà qed jevolvu b'mod kostanti, hemm	(13) Peress li l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà qed jevolvu b'mod kostanti, hemm

bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fit-theddid għas-sigurtà interna u esterna u l-ħtieġa li l-finanzjament jiġi orjentat lejn il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-Unjoni. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.	bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fit-theddid għas-sigurtà interna u esterna u l-ħtieġa li l-finanzjament jiġi orjentat lejn il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-Unjoni***, filwaqt li jitqiesu wkoll il-fehmiet tal-Istati Membri***. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.
	Or. fi

Emenda 101
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-Faċilità tal-UE jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika dwar l-affarijiet interni permezz tad-distribuzzjoni tal-fondi tagħha għal miżuri implimentati f'ġestjoni diretta jew indiretta f'konformità mal-perċentwali tal-koeffiċjent tal-affarijiet interni stabbilit fl-Anness I tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali,

l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028–2034, b'45 % li għandhom jintefqu fuq il-fruntieri u l-viża, 35 % fuq il-migrazzjoni u 20 % fuq is-sigurtà.

Or. en

Emenda 102
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tas-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.	(14) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tas-sigurtà interna***, kif ukoll fl-esperjenza prattika tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli għall-protezzjoni tas-sigurtà u tal-ordni pubbliku***. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

Or. sk

Emenda 103
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni*** u ***l-istati*** Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tas-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.	(14) ***Il-Kummissjoni*** u ***l-Istati*** Membri ***jistgħu*** jiżguraw***, fejn ikun hemm valur miżjud meta jagħmlu dan,*** li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tas-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

Or. pl

Emenda 104
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Hemm bżonn li l-impatt tal-finanzjamenti tal-Unjoni jiġi massimizzat permezz ta' mobilizzazzjoni, ġbir komuni u sfruttament tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jippromwovi approċċ tas-soċjetà kollha, filwaqt li jinkoraġġixxi l-involviment attiv u sinifikanti tas-settur industrijali Ewropew, kif ukoll tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà, fejn rilevanti bl-involviment ta' atturi rilevanti oħra, korpi tal-Unjoni, aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ	(15) Hemm bżonn li l-impatt tal-finanzjamenti tal-Unjoni jiġi massimizzat permezz ta' mobilizzazzjoni, ġbir komuni u sfruttament tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jippromwovi approċċ tas-soċjetà kollha, filwaqt li jinkoraġġixxi l-involviment attiv u sinifikanti tas-settur industrijali Ewropew, kif ukoll tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà, fejn rilevanti bl-involviment ta' atturi rilevanti oħra, korpi tal-Unjoni, aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ

jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni ma jintużax biex jiddelega kompiti statutorji jew pubbliċi lil atturi privati.	jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni ma jintużax biex jiddelega kompiti statutorji jew pubbliċi lil atturi privati. ***L-involviment ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, jenħtieġ li ma jirriżultax fit-trasferiment jew id-delega ta' funzjonijiet statutorji, pubbliċi, superviżorji jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti.***

Or. en

Emenda 105
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Hemm bżonn li l-impatt tal-finanzjamenti tal-Unjoni jiġi massimizzat permezz ta' mobilizzazzjoni, ġbir komuni u sfruttament tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jippromwovi approċċ tas-soċjetà kollha, filwaqt li jinkoraġġixxi l-involviment attiv u sinifikanti tas-settur industrijali Ewropew, kif ukoll tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà, fejn rilevanti bl-involviment ta' atturi rilevanti oħra, korpi tal-Unjoni, aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni ma jintużax biex jiddelega kompiti statutorji jew pubbliċi lil atturi privati.	(15) Hemm bżonn li l-impatt tal-finanzjamenti tal-Unjoni jiġi massimizzat permezz ta' mobilizzazzjoni, ġbir komuni u sfruttament tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jippromwovi approċċ tas-soċjetà kollha, filwaqt li jinkoraġġixxi l-involviment attiv u sinifikanti tas-settur industrijali Ewropew, kif ukoll tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà, ***f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti,*** fejn rilevanti bl-involviment ta' atturi rilevanti oħra, korpi tal-Unjoni, aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni ma jintużax biex jiddelega kompiti statutorji jew pubbliċi lil atturi privati***, jew biex tiddgħajjef ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi biex jiġu żgurati s-sigurtà u l-ordni pubbliku***.

Or. sk

Emenda 106
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Hemm bżonn li l-impatt tal-finanzjamenti tal-Unjoni jiġi massimizzat permezz ta' mobilizzazzjoni, ġbir komuni u sfruttament tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jippromwovi approċċ tas-soċjetà kollha, filwaqt li jinkoraġġixxi l-involviment attiv u sinifikanti tas-settur industrijali Ewropew, kif ukoll tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà, fejn rilevanti bl-involviment ta' atturi rilevanti oħra, korpi tal-Unjoni, aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni ma jintużax biex jiddelega kompiti statutorji jew pubbliċi lil atturi privati.	(15) Hemm bżonn li l-impatt tal-finanzjamenti tal-Unjoni jiġi massimizzat permezz ta' mobilizzazzjoni, ġbir komuni u sfruttament tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jippromwovi approċċ tas-soċjetà kollha, filwaqt li jinkoraġġixxi l-involviment attiv u sinifikanti tas-settur industrijali Ewropew, kif ukoll tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi***, kif ukoll gruppi emarġinati u vulnerabbli***, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà, fejn rilevanti bl-involviment ta' atturi rilevanti oħra, korpi tal-Unjoni, aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni ma jintużax biex jiddelega kompiti statutorji jew pubbliċi lil atturi privati.

Or. en

Emenda 107
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Hemm bżonn li l-impatt tal-finanzjamenti tal-Unjoni jiġi massimizzat	(15) Hemm bżonn li l-impatt tal-finanzjamenti tal-Unjoni jiġi massimizzat

permezz ta’ mobilizzazzjoni, ġbir komuni u sfruttament tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jippromwovi approċċ tas-soċjetà kollha, filwaqt li jinkoraġġixxi l-involviment attiv u sinifikanti tas-settur industrijali Ewropew, kif ukoll tas-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta’ sigurtà, fejn rilevanti bl-involviment ta’ atturi rilevanti oħra, korpi tal-Unjoni, aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni ma jintużax biex jiddelega kompiti statutorji jew pubbliċi lil atturi privati.	permezz ta’ mobilizzazzjoni, ġbir komuni u sfruttament tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi u privati. L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jippromwovi approċċ tas-soċjetà kollha, filwaqt li jinkoraġġixxi l-involviment attiv u sinifikanti tas-settur industrijali Ewropew, kif ukoll tas-soċjetà ċivili ***f’ċerti każijiet***, inklużi l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta’ sigurtà, fejn rilevanti bl-involviment ta’ atturi rilevanti oħra, korpi tal-Unjoni, aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni. Madankollu, jenħtieġ jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni ma jintużax biex jiddelega kompiti statutorji jew pubbliċi lil atturi privati.
	Or. fi

Emenda 108
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Azzjoni effettiva kontra t-terroriżmu, it-traffikar tad-drogi u tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti, it-theddid ibridu u l-atti ta’ sabotaġġ jirrikjedu kooperazzjoni mill-qrib mhux biss bejn l-Istati Membri iżda wkoll mal-alleati u s-sħab li jikkondividu valuri u interessi strateġiċi simili. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament u l-appoġġ tal-Unjoni jsaħħu l-kooperazzjoni operazzjonali, l-iskambju ta’ informazzjoni u r-reżiljenza għal dan it-tip ta’ theddid, ma’ sħab fdati, u bl-ebda mod ma jaffettwaw jew jirrestrinġu b’mod avvers din il-kooperazzjoni.
	Or. pl

Emenda 109
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Minħabba r-riżorsi finanzjarji sinifikanti allokati skont dan ir-Regolament, it-trasparenza rigward l-appoġġ tal-Unjoni mogħti lil organizzazzjonijiet mhux governattivi hija essenzjali. L-informazzjoni dwar l-ammonti allokati lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi jenħtieġ li tkun kompletament trasparenti u pubblikament disponibbli mingħajr dewmien żejjed. Jenħtieġ li tali informazzjoni tinkludi, mill-inqas, l-ammont ta' appoġġ mogħti mill-Unjoni u l-objettivi tal-attivitajiet appoġġati.

Or. en

Emenda 110
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura	(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura

kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.	kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni. ***L-Istati Membri jeħtiġilhom jeskludu fornituri b'riskju għoli minn pjattaformi strateġiċi, bażijiet tad-data, sistemi ta' interċettazzjoni legali, sistemi ta' komunikazzjoni tal-pulizija u networks 5G li jista' jkun fihom jew jipproċessaw informazzjoni sensittiva għas-sigurtà interna tal-Unjoni. Tali miżuri huma meħtieġa biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet strateġiċi, tiġi ssalvagwardjata l-infrastruttura kritika u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-informazzjoni u tas-sistemi essenzjali għall-interessi tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.***
	Or. en

Emenda 111
Sophie Wilmès, Malik Azmani, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun	(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun

ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.	ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni. ***Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Unjoni ssaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha billi tappoġġa l-iżvilupp, il-varar u l-adozzjoni ta' teknoloġiji, infrastrutturi u servizzi Ewropej fdati, inklużi l-kapaċitajiet tal-ħżin u tal-ipproċessar tad-data, u b'hekk tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi, ittejjeb iċ-ċibersigurtà u ssaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tipproteġi l-interessi essenzjali tagħha.***

Or. en

Emenda 112
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.	(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz***, filwaqt li tissaħħaħ ukoll ir-reżiljenza teknoloġika u strateġika tal-Unjoni Ewropea f'teknoloġiji ewlenin tas-sigurtà u dawk diġitali***. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni***, filwaqt li***

jenħtieġ li jitqiesu wkoll ir-riskji possibbli għas-sigurtà tal-infrastruttura kritika, tal-istituzzjonijiet pubbliċi u tas-setturi ekonomiċi strateġiċi tal-Istati Membri.

Or. sk

Emenda 113
Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.	(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi***, inkluż fejn tali fornituri jew entitajiet relatati jkunu soġġetti għal obbligi legali jew regolatorji imposti minn pajjiżi terzi li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tad-data, tas-servizzi jew tal-infrastruttura kritika tal-Unjoni*** kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.

Or. bg

Emenda 114
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra forniturи li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.	(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra forniturи li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni***, inkluż l-Att propost dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA***. *(Jekk ammissibbli li ssir referenza għal leġiżlazzjoni li għadha ma ġietx adottata)*

Or. en

Emenda 115
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Ewropa trid tipproteġi ***l-interess*** tas-sigurtà ***tagħha*** kontra forniturи li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-	(16) ***L-Unjoni*** trid tipproteġi ***l-interessi*** tas-sigurtà ***tal-Istati Membri u tal-Unjoni*** kontra forniturи li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq

suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.

fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 116
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti ***negattivi potenzjalment serji*** fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE ***f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz***. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.	(16) L-Ewropa trid tipproteġi l-interess tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti ***potenzjalment negattivi*** fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE u l-infrastruttura kritika tal-UE. Din l-esklużjoni għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni***, *kif ukoll mill-valutazzjonijiet interni mill-Istati Membri***.

Or. fi

Emenda 117
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Minħabba r-riżorsi finanzjarji sinifikanti allokati skont dan ir-Regolament, huwa essenzjali li jiġu żgurati objettivi li jistgħu jitkejlu, rapportar trasparenti u informazzjoni pubblika regolari dwar l-effettività tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni. Jenħtieġ li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jivvalutaw jekk il-finanzjament tal-Unjoni jikkontribwix b'mod effettiv għall-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament u jwassalx għal titjib tanġibbli fis-sigurtà interna.

Or. en

Emenda 118
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Bħala parti mill-istrateġija għall-Unjoni kollha biex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà tal-istituzzjonijiet pubbliċi u tal-entitajiet privati, l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw it-traspożizzjoni sħiħa u rapida tad-Direttiva NIS2 (UE) 2022/2555.

Or. en

Emenda 119
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) ***L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ*** tal-Unjoni ***skont dan ir-Regolament*** jenħtieġ li ***jiġu implimentati*** f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa ***fl-acquis tal-Unjoni u*** fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u ***jenħtieġ li jkunu konformi*** mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u ***tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom***.	(18) ***L-appoġġ*** tal-Unjoni jenħtieġ li ***jiġi implimentat*** f'konformità ***sħiħa mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),*** mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ***(il-"Karta")*** u mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni ***fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jiġi implimentat b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, bħad-dritt għad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għall-ħajja, il-projbizzjoni tat-tortura u tat-trattament jew pieni inumani jew degradanti, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, id-drittijiet tat-tfal*** u ***d-dritt għal rimedju effettiv, kif ukoll b'rispett sħiħ tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-premessa 9 mir-Regolament FSI preċedenti, li tidher aktar kompluta.

Emenda 120
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Sabiex jiġi supplimentat dan ir-Regolament billi jiġu approvati l-miżuri li huma relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-

koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà, u fejn il-Kummissjoni tadotta att delegat li japprova l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà, u biex tiġi emendata l-lista ta' miżuri ta' implimentazzjoni fl-Anness I, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 t'April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

Or. en

Emenda 121
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Sophie Wilmès, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna ***għall-perijodu*** mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jingħata skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, ***tas-sajd*** u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi***, il-kamp ta' applikazzjoni*** u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna ***għall-perjodu*** mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. Dan l-appoġġ tal-Unjoni għandu jingħata skont ir-regoli orizzontali tal-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, ***is-sajd*** u ***l-affarijiet*** marittimi, il-prosperità u s-sigurtà stabbiliti bir-Regolament (UE) […].
	Or. en

Emenda 122
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "prevenzjoni", b'rabta mal-kriminalità, tfisser il-miżuri kollha li huma maħsuba sabiex ***jnaqqsu*** jew inkella jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-kriminalità ***u fis-sensazzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà fiċ-ċittadini, kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI***[8] ;	(2) "prevenzjoni", b'rabta mal-kriminalità, tfisser il-miżuri kollha li huma maħsuba sabiex ***inaqqsu*** jew inkella jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-kriminalità***, kemm b'mod kwantitattiv kif ukoll b'mod kwalitattiv, jew billi jiskoraġġixxu direttament l-attivitajiet kriminali jew permezz ta' politiki u azzjonijiet imfassla biex inaqqsu l-potenzjal għall-kriminalità u l-kawżi tal-kriminalità***;
[8] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) u li tħassar id-Deċiżjoni 2001/427/ĠAI (ĠU L 321, 8.12.2009, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2009/902/oj).	
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-deċiżjoni tal-Kunsill hija minn żmien qabel it-Trattat ta' Liżbona, meta l-Parlament Ewropew ma kienx kompetenti fl-AFSJ.

Emenda 123
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "prevenzjoni", b'rabta mal-kriminalità, tfisser il-miżuri kollha li huma maħsuba sabiex ***jnaqqsu*** jew inkella jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-kriminalità ***u fis-sensazzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà fiċ-ċittadini***, kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI[8] ;	(2) "prevenzjoni", b'rabta mal-kriminalità, tfisser il-miżuri kollha li huma maħsuba sabiex ***inaqqsu*** jew inkella jikkontribwixxu għat-tnaqqis fil-kriminalità, kif imsemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI[8] ;
[8] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) u li tħassar id-Deċiżjoni 2001/427/ĠAI (ĠU L 321, 8.12.2009, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2009/902/oj).	[8] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/902/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) u li tħassar id-Deċiżjoni 2001/427/ĠAI (ĠU L 321, 8.12.2009, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2009/902/oj).

Or. en

Emenda 124
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "skambju ta' informazzjoni" tfisser il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, l-analiżi u t-trasferiment siguri ta', u l-aċċess għal, informazzjoni rilevanti għall-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 87 tat-TFUE kif	(3) "skambju ta' informazzjoni" tfisser il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, l-analiżi u t-trasferiment siguri ta', u l-aċċess għal, informazzjoni rilevanti għall-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 87 tat-TFUE kif

ukoll għall-Europol, u aġenziji u korpi rilevanti oħra tal-Unjoni fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, b'mod partikolari l-kriminalità transfruntiera serja u organizzata***, inkluż iċ-ċiberkriminalità u t-terroriżmu***;	ukoll għall-Europol, u aġenziji u korpi rilevanti oħra tal-Unjoni fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, b'mod partikolari l-kriminalità transfruntiera serja u organizzata;

Or. en

Emenda 125
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) "skambju ta' informazzjoni" tfisser il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, l-analiżi u t-trasferiment siguri ta', u l-aċċess għal, informazzjoni rilevanti għall-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 87 tat-TFUE kif ukoll għall-Europol, u aġenziji u korpi rilevanti oħra tal-Unjoni fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, b'mod partikolari l-kriminalità transfruntiera serja u organizzata***, inkluż iċ-ċiberkriminalità u t-terroriżmu***;	(3) "skambju ta' informazzjoni" tfisser il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, l-analiżi u t-trasferiment siguri ta', u l-aċċess għal, informazzjoni rilevanti għall-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 87 tat-TFUE kif ukoll għall-Europol, u aġenziji u korpi rilevanti oħra tal-Unjoni fir-rigward tal-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, b'mod partikolari l-kriminalità transfruntiera serja u organizzata;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal darb'oħra, biex ma jiġux individwati tipi speċifiċi ta' reati.

Emenda 126
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Sophie Wilmès, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) "korruzzjoni" tfisser kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fid-Direttiva (UE) 2026/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Or. en

Emenda 127
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "radikalizzazzjoni" tfisser proċess gradwali u kumpless li jwassal għal estremiżmu u terroriżmu vjolenti u li fih individwu jew grupp ta' individwi jħaddnu ideoloġija jew twemmin radikali li jaċċetta, juża jew jittollera l-vjolenza, inklużi atti ta' terroriżmu, biex jintlaħaq għan politiku, reliġjuż jew ideoloġiku speċifiku;	(6) "radikalizzazzjoni" tfisser proċess gradwali u kumpless li jwassal għal estremiżmu u terroriżmu vjolenti u li fih individwu jew grupp ta' individwi jħaddnu ideoloġija jew twemmin radikali***, inkluż permezz ta' ambjenti u networks reliġjużi, edukattivi, soċjali jew diġitali,*** li jaċċetta, juża jew jittollera l-vjolenza, inklużi atti ta' terroriżmu, biex jintlaħaq għan politiku, reliġjuż jew ideoloġiku speċifiku;

Or. bg

Emenda 128
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "radikalizzazzjoni" tfisser proċess gradwali u kumpless li jwassal għal estremiżmu u terroriżmu vjolenti u li fih individwu jew grupp ta' individwi jħaddnu ideoloġija jew twemmin radikali li jaċċetta, juża jew jittollera l-vjolenza, inklużi atti ta' terroriżmu, biex jintlaħaq għan politiku,	(6) "radikalizzazzjoni" tfisser proċess gradwali u kumpless li jwassal għal estremiżmu u terroriżmu vjolenti u li fih individwu jew grupp ta' individwi jħaddnu ideoloġija jew twemmin radikali li jaċċetta, juża jew jittollera l-vjolenza, inklużi atti ta' terroriżmu ***u li jipperikola l-ordni***

reliġjuż jew ideoloġiku speċifiku;	***pubbliku u l-funzjonament tas-soċjetà***, biex jintlaħaq għan politiku, reliġjuż jew ideoloġiku speċifiku;

Or. fi

Emenda 129
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "radikalizzazzjoni" tfisser proċess gradwali u kumpless li jwassal għal estremiżmu u terroriżmu vjolenti u li fih individwu jew grupp ta' individwi jħaddnu ideoloġija jew twemmin ***radikali*** li jaċċetta, juża jew jittollera l-vjolenza, inklużi atti ta' terroriżmu, biex jintlaħaq għan politiku, reliġjuż jew ideoloġiku speċifiku;	(6) "radikalizzazzjoni" tfisser proċess gradwali u kumpless li jwassal għal estremiżmu u terroriżmu vjolenti u li fih individwu jew grupp ta' individwi jħaddnu ideoloġija jew twemmin ***vjolenti*** li jaċċetta, juża jew jittollera l-vjolenza, inklużi atti ta' terroriżmu, biex jintlaħaq għan politiku, reliġjuż jew ideoloġiku speċifiku;

Or. en

Emenda 130
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "radikalizzazzjoni" tfisser proċess gradwali u kumpless li jwassal għal estremiżmu u terroriżmu vjolenti u li fih individwu jew grupp ta' individwi jħaddnu ideoloġija jew twemmin ***radikali*** li jaċċetta, juża jew jittollera l-vjolenza, inklużi atti ta' terroriżmu, biex jintlaħaq għan politiku, reliġjuż jew ideoloġiku speċifiku;	(6) "radikalizzazzjoni" tfisser proċess gradwali u kumpless li jwassal għal estremiżmu u terroriżmu vjolenti u li fih individwu jew grupp ta' individwi jħaddnu ideoloġija jew twemmin ***vjolenti*** li jaċċetta, juża jew jittollera l-vjolenza, inklużi atti ta' terroriżmu, biex jintlaħaq għan politiku, reliġjuż jew ideoloġiku speċifiku;

Or. en

Emenda 131
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***"ċiberkriminalità" tfisser jew reati li t-twettiq tagħhom neċessarjament jinvolvi sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (sistemi tal-ICT), li huma l-għodod għat-twettiq ta' dik il-kriminalità jew il-miri primarji tagħhom (reati dipendenti fuq iċ-ċibernetika), jew reati tradizzjonali li jistgħu jiżdiedu fl-iskala jew jintlaħqu bl-użu ta' kompjuters, networks tal-kompjuter jew sistemi oħra tal-ICT (reati bl-użu ċibernetiku)***;	(7) ***"kriminalità tal-informatika" tfisser kwalunkwe wieħed mill-atti intenzjonali u reati msemmija fid-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]***;
	(Id-definizzjoni sħiħa tista' titħassar ukoll jekk ma nibqgħux nelenkaw reati speċifiċi. L-istess jgħodd għal "terroriżmu".)
	[1a] Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/222/ĠAI, ĠU L 218, 14.8.2013, pp. 8–14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/40/oj

Or. en

Emenda 132
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) "ċiberkriminalità" tfisser jew reati li t-twettiq tagħhom neċessarjament jinvolvi sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (sistemi tal-ICT), li huma l-għodod għat-twettiq ta' dik il-kriminalità jew il-miri primarji tagħhom (reati dipendenti fuq iċ-ċibernetika), jew reati tradizzjonali li jistgħu jiżdiedu fl-iskala jew jintlaħqu bl-użu ta' kompjuters, networks tal-kompjuter jew sistemi oħra tal-ICT (reati bl-użu ċibernetiku);	(7) "ċiberkriminalità" tfisser jew reati li t-twettiq tagħhom neċessarjament jinvolvi sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (sistemi tal-ICT), li huma l-għodod għat-twettiq ta' dik il-kriminalità jew il-miri primarji tagħhom (reati dipendenti fuq iċ-ċibernetika), jew reati tradizzjonali li jistgħu jiżdiedu fl-iskala jew jintlaħqu bl-użu ta' kompjuters, networks tal-kompjuter***, sistemi ta' intelliġenza artifiċjali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1689*** jew sistemi oħra tal-ICT (reati bl-użu ċibernetiku);

Or. en

Emenda 133
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) "kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi" tfisser il-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet ta' żewġ Stati Membri jew aktar imsemmija fl-Artikolu 87(3) ***TFUE jew l-operat tal-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru wieħed fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, kif imsemmi fl-Artikolu 89 TFUE***;	(8) "kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi" tfisser il-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet ta' żewġ Stati Membri jew aktar imsemmija fl-Artikolu 87(3) ***tat-TFUE***;

Or. en

Emenda 134
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-ewwel laqgħa teknika, id-DĠ HOME irrikonoxxa li din id-definizzjoni hija vaga wisq u tinkludi wkoll attivitajiet legali.

Emenda 135
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 136
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser ***l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati*** u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li ***jimminaw*** Stat Membru jew ***kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu***.	(9) "theddid ibridu" tfisser ***kwalunkwe attività kkoordinata sostnuta mill-Istat jew mhux sostnuta mill-Istat, eżegwita permezz ta' vetturi asimmetriċi, mhux konvenzjonali, jew ambigwi taħt il-livell limitu ta' kunflitt militari tradizzjonali, li hija ppjanata*** u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li ***jiġu sfruttati l-vulnerabbiltajiet strutturali, tiġi mfixkla l-infrastruttura kritika, jew jiġu kompromessi s-sigurtà, l-ordni pubbliku, ir-reżiljenza istituzzjonali jew l-integrità territorjali tal-Unjoni jew ta'*** Stat Membru ***wieħed*** jew ***aktar***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

As emphasized in the Commission's Communication on the EU's eastern regions (COM(2026) 82 final), the security architecture of the Eastern Flank is under persistent, evolving duress from non-conventional methods designed to deliberately operate just below the threshold of formal military conflict. These fluid campaigns target the seams between internal security, external border management, macro-economic stability, and digital resilience. To ensure maximum resilience and long-term legislative relevance, the definition of a 'hybrid threat' must remain completely neutral regarding specific technological or operational methods. Listing explicit examples of harmful activities inadvertently creates legal loopholes, as hostile actors continuously innovate new forms of gray-zone aggression that may not fit neatly into pre-defined categories.

Emenda 137
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi ***kollha***, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi ***u*** l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, ***li huma ppjanati u mwettqa*** b'intenzjoni malizzjuża ***b'mod koordinat*** bl-għan li jimminaw Stat Membru jew ***kwalunkwe***	(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi ***kkoordinati***, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni***, is-sabotaġġ***, l-attakki ċibernetiċi***, l-interferenza barranija, l-attakki kontra l-infrastruttura kritika, l-isfruttament ta' networks tal-kriminalità organizzata jew***

waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.

l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, ***imwettqa*** b'intenzjoni malizzjuża ***minn atturi statali jew mhux statali*** bl-għan li jimminaw ***is-sigurtà, l-ordni pubbliku, l-istituzzjonijiet demokratiċi jew ir-reżiljenza tas-soċjetà ta'*** Stat Membru jew ***tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 138
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi ***kollha***, inklużi ***l-manipulazzjoni tal-informazzjoni,*** l-attakki ċibernetiċi ***u l-istrumentalizzazzjoni*** tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet ***tiegħu***.	(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi ***kkoordinati***, inklużi l-attakki ċibernetiċi***, l-attakki kontra l-infrastruttura kritika, attivitajiet ta' diżinformazzjoni marbuta ma' atturi kriminali u attivitajiet kriminali marbuta mal-istrumentalizzazzjoni*** tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw ***lill-Unjoni,*** Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet ***tagħhom***.

Or. en

Emenda 139
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-	(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-

istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.	istrumentalizzazzjoni tal-migranti***, il-kampanji kkoordinati ta' diżinformazzjoni, u l-amplifikazzjoni organizzata ta' allegazzjonijiet bla bażi***, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.
	Or. en

Emenda 140
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni ***tal-migranti***, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.	(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi***, is-sabotaġġ ta' infrastruttura kritika, il-koerċizzjoni ekonomika,*** u l-istrumentalizzazzjoni ***tal-flussi ta' migrazzjoni irregolari***, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.
	Or. en

Emenda 141
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi ***l-manipulazzjoni*** tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma	(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi ***l-azzjonijiet kinetiċi, fost l-oħrajn l-atti ta' sabotaġġ, kif ukoll il-manipulazzjoni*** tal-

ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.	informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.

Or. pl

Emenda 142
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi ***l-manipulazzjoni*** tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.	(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi ***t-tfixkil tal-infrastruttura kritika, is-sabotaġġ, il-manipulazzjoni*** tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda żżid is-sabotaġġ u t-tfixkil tal-infrastruttura kritika mad-definizzjoni ta' theddid ibridu sabiex jiġi żgurat li din taqbad b'mod adegwat l-ispettru wiesa' ta' attivitajiet ostili kkoordinati użati biex jimminaw lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tagħhom. Dawn l-attivitajiet saru dejjem aktar rilevanti fl-ambjent attwali tas-sigurtà u għandhom jiġu riflessi b'mod espliċitu fid-definizzjoni.

Emenda 143
Dainius Žalimas

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.	(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi ***t-tfixkil tal-infrastruttura kritika, is-sabotaġġ, il-manipulazzjoni*** tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.

Or. en

Emenda 144
Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni***,*** l-attakki ċibernetiċi ***u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti,*** li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.	(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni ***u*** l-attakki ċibernetiċi li huma ppjanati u mwettqa b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.

Or. en

Emenda 145
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, l-attakki ċibernetiċi u l-	(9) "theddid ibridu" tfisser l-attivitajiet dannużi kollha, inklużi l-manipulazzjoni tal-informazzjoni ***kkoordinata b'intenzjoni***

istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa ***b'intenzjoni malizzjuża b'mod koordinat*** bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.	***malizzjuża***, l-attakki ċibernetiċi u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, li huma ppjanati u mwettqa bl-għan li jimminaw Stat Membru jew kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet tiegħu.

Or. fi

Emenda 146
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) "żoni affettwati mill-konsolidazzjoni territorjali tal-kriminalità serja u organizzata", komunement imsejħa "żoni no-go", tfisser żoni urbani ġeografikament delimitati kkaratterizzati minn konċentrazzjoni għolja persistenti ta' kriminalità serja u organizzata, il-ħolqien ta' strutturi soċjali u ekonomiċi paralleli, u t-tnaqqis dokumentat fil-preżenza u l-awtorità effettivi tas-servizzi pubbliċi, inklużi s-servizzi tal-infurzar tal-liġi u tal-emerġenza. Tali oqsma għandhom jiġu identifikati mill-Istati Membri abbażi ta' indikaturi osservabbli u li jistgħu jitkejlu, u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-nuqqas ta' definizzjoni komuni tal-Unjoni jfixkel l-identifikazzjoni ta' oqsma li fihom il-kriminalità serja u organizzata timmina l-preżenza effettiva tal-awtoritajiet pubbliċi. Id-definizzjoni proposta tibbaża fuq indikaturi oġġettivi u li jistgħu jitkejlu, inkluża l-konċentrazzjoni tal-kriminalità serja u organizzata, il-ħolqien ta' strutturi soċjali u ekonomiċi paralleli u l-preżenza mnaqqsa tal-awtoritajiet pubbliċi. Hija meħtieġa definizzjoni ċara biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt u jkun jista' jingħata appoġġ immirat mill-Unjoni.

Emenda 147

Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 2a
	Rispett għad-drittijiet fundamentali
	L-azzjonijiet iffinanzjati taħt l-appoġġ tal-Unjoni għandhom jiġu implementati b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u d-dinjità tal-bniedem. B'mod partikolari, tali azzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-Karta, mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB). Meta jimplimentaw l-azzjonijiet taħt l-appoġġ tal-Unjoni, kull meta jkun possibbli, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-assistenza lil persuni vulnerabbli u lill-protezzjoni tagħhom, b'mod partikolari t-tfal u l-minorenni mhux akkumpanjati.

Or. en

Emenda 148
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu***, il-kriminalità ambjentali***, kif ukoll fir-

ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna***, u l-kapaċitajiet li għandhom l-għan li jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-użu ħażin kriminali tal-intelliġenza artifiċjali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni inklużi r-rekwiżiti relatati mad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data personali***;

Or. en

Emenda 149
Emil Radev, Sirpa Pietikäinen, Sebastian Everding, Petras Auštrevičius, Manuela Ripa, Niels Fuglsang

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***u t-theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***it-theddid*** ibridu***, u r-reati relatati mal-moħqrija tal-annimali, inkluż it-tixrid kummerċjali jew għal skopijiet ta' sfruttament ta' kontenut li juri jew jippromwovi tali atti***, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;

Or. en

Emenda 150
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Sophie Wilmès, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***it-traffikar illeċitu tad-droga, il-kriminalità finanzjarja, l-użu ta' infrastruttura legali mill-kriminali, il-korruzzjoni*** u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;

Or. en

Emenda 151
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata***, *online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu***, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal darb'oħra, biex ma jiġux individwati tipi speċifiċi ta' reati.

Emenda 152
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll ***fir-rigward tal-protezzjoni*** taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu ***u r-restawr tal-preżenza effettiva tal-awtoritajiet pubbliċi f'żoni affettwati mill-konsolidazzjoni territorjali tagħha***, kif ukoll ***il-protezzjoni*** taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;

Or. en

Emenda 153
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki,	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar tal-bnedmin, l-istrumentalizzazzjoni tal-***

inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	***migrazzjoni,*** u t-theddid ibridu, ***inklużi l-atti ta' sabotaġġ,*** kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;

Or. pl

Emenda 154
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri***, inklużi t-tagħmir u riżorsi teknoloġiċi,*** fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità***, it-traffikar tad-droga, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti***, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;

Or. en

Emenda 155
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-

prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, ***inkluż it-traffikar tal-bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tad-droga,*** kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;

Or. sk

Emenda 156
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal***, *u t-theddid ibridu***, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki***, *inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna***;	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, ***u*** l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;

Or. en

Emenda 157
Sophie Wilmès, Malik Azmani, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu***, it-traffikar tad-droga u n-networks kriminali relatati, il-kriminalità finanzjarja***, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;

Or. en

Emenda 158
Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki***, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna***;	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u t-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;

Or. en

Emenda 159
Dainius Žalimas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u ***t-theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini ***u*** l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u ***firxa wiesgħa ta' theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini***,*** l-ispazji pubbliċi ***u l-infrastruttura kritika*** mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;

Or. en

Emenda 160
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u ***t-theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini ***u*** l-ispazji pubbliċi mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;	(a) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u ***firxa wiesgħa ta' theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini***,*** l-ispazji pubbliċi ***u l-infrastruttura kritika*** mill-attakki, inkluż permezz ta' metodi innovattivi u teknoloġiji ġodda fil-qasam tas-sigurtà interna;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-theddid ibridu jieħu ħafna forom u jkompli jevolvi. L-emenda tirreferi għal firxa wiesgħa ta' theddid ibridu u tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-importanza tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika.

Emenda 161
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-istati Membri billi ***tissaħħaħ ir-reżiljenza*** tal-entitajiet kritiċi kontra atti ostili, ***u l-ġestjoni ta'*** inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, ***anke*** permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni kritiċi interoperabbli;	(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri billi ***jissaħħu r-reżiljenza, il-protezzjoni u l-monitoraġġ*** tal-entitajiet kritiċi ***u tal-infrastruttura kritika*** kontra atti ostili, ***sabotaġġ, attakki ċibernetiċi, theddid terroristiku u theddid ibridu, u billi jiġu ġestiti*** inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, ***inkluż*** permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni kritiċi interoperabbli***, għodod ta' twissija bikrija u kapaċitajiet ta' monitoraġġ diġitali siguri***;

Or. en

Emenda 162
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-istati Membri billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi kontra atti ostili, u l-ġestjoni ta' inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, ***anke*** permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni kritiċi interoperabbli;	(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi kontra atti ostili, u l-ġestjoni ta' inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, ***inkluż*** permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni kritiċi interoperabbli***, taħriġ għall-irkupru minn diżastri, stokkijiet suffiċjenti u żamma***

deċentralizzata ta' spare parts;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Wara kontribut espert fl-iskambju ta' fehmiet tal-Kumitat LIBE dwar "It-Tisħiħ tal-Protezzjoni Ċivili tal-UE u ż-Żieda tar-Reżiljenza tal-Infrastruttura Kritika Ewropea", l-1 ta' Ġunju 2026.

Emenda 163
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-istati Membri billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi kontra atti ostili, u l-ġestjoni ta' inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, anke permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni kritiċi interoperabbli;	(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi ***u tal-infrastruttura kritika*** kontra atti ostili, u l-ġestjoni ta' inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, anke permezz ta' sistemi ta' komunikazzjoni kritiċi interoperabbli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tirreferi b'mod espliċitu għall-infrastruttura kritika flimkien mal-entitajiet kritiċi, peress li ż-żewġ kunċetti huma distinti u jirrikjedu rikonoxximent xieraq fir-Regolament.

Emenda 164
Dainius Žalimas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-istati Membri billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi kontra atti ostili, u l-ġestjoni ta' inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, anke permezz ta'	(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi ***u tal-infrastruttura kritika*** kontra atti ostili, u l-ġestjoni ta' inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, anke

sistemi ta’ komunikazzjoni kritiċi interoperabbli;	permezz ta’ sistemi ta’ komunikazzjoni kritiċi interoperabbli;

Or. en

Emenda 165
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-istati Membri billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi kontra atti ostili, u l-ġestjoni ta’ inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, anke permezz ta’ sistemi ta’ komunikazzjoni kritiċi interoperabbli;	(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi kontra atti ostili***, inkluż it-theddid ibridu***, u l-ġestjoni ta’ inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, anke permezz ta’ sistemi ta’ komunikazzjoni kritiċi interoperabbli;

Or. en

Emenda 166
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-istati Membri billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi ***kontra atti ostili***, u l-ġestjoni ta’ inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, anke permezz ta’ sistemi ta’ komunikazzjoni kritiċi interoperabbli;	(b) it-trawwim tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri billi tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, u l-ġestjoni ta’ inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, anke permezz ta’ sistemi ta’ komunikazzjoni kritiċi interoperabbli;

Or. en

Emenda 167
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-titjib u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati;	(c) it-titjib u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati***, sa fejn previst mid-dritt tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data***;

Or. en

Emenda 168
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-titjib u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u, fejn xieraq, ma' ***pajjiżi terzi,*** organizzazzjonijiet internazzjonali ***u*** partijiet privati;	(c) it-titjib u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u, fejn xieraq, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali***,*** partijiet privati ***u pajjiżi terzi, b'mod partikolari biex jirritornaw lil dawk li jkunu qed jirrisjedu fit-territorju tal-Unjoni illegalment u biex jipprevjenu l-migrazzjoni illegali***;

Or. fi

Emenda 169
Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-titjib u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi**,** organizzazzjonijiet internazzjonali ***u partijiet privati***;	(c) it-titjib u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u, fejn xieraq ***u debitament ġustifikat***, ma' pajjiżi terzi ***u*** organizzazzjonijiet internazzjonali ***f'konformità sħiħa mal-obbligi skont id-dritt internazzjonali u fir-rigward tad-drittijiet fundamentali***;

Or. en

Emenda 170
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-titjib u l-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati;	(c) it-titjib u l-iffaċilitar tal-iskambju ***f'waqtu, sigur u interoperabbli*** ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti ***tal-Istati Membri*** u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati;

Or. en

Emenda 171
Sophie Wilmès, Malik Azmani, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-titjib u l-iffaċilitar tal-iskambju	(c) it-titjib u l-iffaċilitar tal-iskambju

ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati;	ta' informazzjoni bejn u fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni ***bħall-Europol*** u, fejn xieraq, ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati;

Or. en

Emenda 172
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;	(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-theddid ibridu***, u ż-żarmar tan-networks kriminali u tat-traffikar li joperaw f'żoni affettwati mill-konsolidazzjoni territorjali tal-kriminalità serja u organizzata***, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;

Or. en

Emenda 173
Emil Radev, Sirpa Pietikäinen, Sebastian Everding, Petras Auštrevičius, Manuela Ripa, Niels Fuglsang

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-	(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-

kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;	kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-theddid ibridu***, u r-reati relatati mal-moħqrija tal-annimali, inkluż it-tixrid kummerċjali jew għal skopijiet ta' sfruttament ta' kontenut li juri jew jippromwovi tali atti***, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;

Or. en

Emenda 174
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata***, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-theddid ibridu***, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;	(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal darb'oħra, biex ma jiġux individwati tipi speċifiċi ta' reati.

Emenda 175

Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Sophie Wilmès, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***it-theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;	(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi ***b'dimensjoni transfruntiera***, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***it-traffikar illeċitu tad-droga, il-kriminalità finanzjarja, il-korruzzjoni u t-theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;

Or. en

Emenda 176
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;	(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***it-traffikar tal-bnedmin, l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni,*** it-theddid ibridu, ***inklużi l-atti ta' sabotaġġ,*** kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;

Or. pl

Emenda 177
Sophie Wilmès, Malik Azmani, Hilde Vautmans, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;	(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu***, it-traffikar tad-droga u n-networks kriminali relatati, il-kriminalità finanzjarja***, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;

Or. en

Emenda 178
Dainius Žalimas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***it-theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini ***u*** l-	(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***firxa wiesgħa ta' theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni

ispazji pubbliċi mill-attakki;	taċ-ċittadini**,** l-ispazji pubbliċi ***u l-infrastruttura kritika*** mill-attakki;

Or. en

Emenda 179
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***it-theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini ***u*** l-ispazji pubbliċi mill-attakki;	(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, ***firxa wiesgħa ta' theddid*** ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini**,** l-ispazji pubbliċi ***u l-infrastruttura kritika*** mill-attakki;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-theddid ibridu jieħu ħafna forom u jkompli jevolvi. L-emenda tirreferi għal firxa wiesgħa ta' theddid ibridu u tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-importanza tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika.

Emenda 180
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni ***tal-kooperazzjoni*** operazzjonali ***fl-infurzar tal-liġi***, inklużi operazzjonijiet konġunti,	(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni ***tal-infurzar tal-liġi*** operazzjonali ***transfruntier u l-kooperazzjoni***

bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, it-theddid ibridu, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;	***ġudizzjarja***, inklużi ***task forces*** u operazzjonijiet konġunti, ***skwadri ta' investigazzjoni konġunta, viġilanzi konġunti, sorveljanzi transfruntiera, insegwimenti fejn previst skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, skambju sigur ta' informazzjoni u evidenza operazzjonali, u kooperazzjoni mal-Europol, l-Eurojust u korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 181
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal***, it-theddid ibridu***, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;	(d) it-titjib u l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni operazzjonali fl-infurzar tal-liġi, inklużi operazzjonijiet konġunti, bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, online u offline, inkluż it-terroriżmu, l-estremiżmu vjolenti, iċ-ċiberkriminalità, l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll fir-rigward tal-protezzjoni taċ-ċittadini u l-ispazji pubbliċi mill-attakki;

Or. en

Emenda 182
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) id-detezzjoni, il-valutazzjoni u l-

eliminazzjoni tal-vulnerabbiltajiet fl-infrastruttura kritika u fit-tagħmir tal-IT b'penetrazzjoni kbira fis-suq sabiex jiġu pprevenuti l-attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u l-infrastruttura kritika, pereżempju permezz ta' awditi tal-kodiċi ta' software liberu u b'sors miftuħ, billi jiġu stabbiliti u appoġġati programmi li jippremjaw lil dawk li jirrapportaw anomaliji jew permezz ta' ttestjar ta' intrużjoni;

Or. en

Emenda 183
Petra Steger, Marieke Ehlers

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) it-tisħiħ tal-appoġġ, il-protezzjoni u l-assistenza għall-vittmi tal-kriminalità serja u organizzata, inkluż l-iżgurar tal-aċċess għall-awtoritajiet, l-informazzjoni u s-servizzi speċjalizzati rilevanti, b'attenzjoni partikolari għall-vittmi vulnerabbli;

Or. en

Emenda 184
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) it-tisħiħ tal-appoġġ, l-assistenza u l-protezzjoni għall-vittmi tal-kriminalità, inkluż billi jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni, is-servizzi ta' appoġġ

	speċjalizzati u l-awtoritajiet kompetenti, b'attenzjoni partikolari għall-vittmi vulnerabbli;

Or. en

Emenda 185
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-appoġġ tal-Unjoni ma għandux jintuża għal
	(a) proġetti u attivitajiet li jmorru kontra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u d-dritt tal-UE;
	(b) pushbacks u sorveljanza fil-fruntieri esterni;
	(c) żvilupp, stabbiliment, aġġornament jew espansjoni ta' sistemi ta' monitoraġġ ġeneralizzat ta' persuni fiżiċi, inkluż software ta' spjunaġġ;
	(d) finanzjament dirett ta' entitajiet u attivitajiet f'pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 186
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull

wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.

wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi ***tkun konformi mal-perċentwali stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028–2034 u*** proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati. ***L-Istati Membri għandhom jaderixxu ma' devjazzjoni massima mill-perċentwali stabbiliti fl-anness ta' 5 % matul id-durata kollha tal-programmi.***

Or. en

Emenda 187
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati. ***L-Istati Membri għandhom iqisu l-isfidi reġjonali speċifiċi għas-sigurtà interna. L-Istati Membri għandhom jinvolvu lill-awtoritajiet reġjonali rilevanti fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni tar-riżorsi allokati, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament ikun immirat b'mod effettiv lejn ir-realtajiet territorjali u operazzjonali, u jirrispondi għalihom.***

Or. en

Emenda 188
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament***, u, li*** l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament***.*** L-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi ***tal-appoġġ tal-Unjoni għandha*** tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati. ***Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni għal dik l-allokazzjoni.***

Or. en

Emenda 189
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.	2. L-Istati Membri għandhom ***jimpenjaw ruħhom biex*** jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, ***filwaqt li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tat-theddid intern li jiffaċċjaw kull wieħed mill-Istati Membri,*** u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun***, kemm jista' jkun possibbli,*** proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.

Or. pl

Emenda 190
Erik Kaliňák, Judita Laššáková, Katarína Roth Neveďalová, Monika Beňová

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati***, filwaqt li jitqiesu r-riskji speċifiċi għas-sigurtà u l-ħtiġijiet operazzjonali tal-Istati Membri individwali***.

Or. sk

Emenda 191
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Sophie Wilmès, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, ***u,*** li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati***, u li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet reġjonali transfruntiera***.

Or. en

Emenda 192
Dainius Žalimas

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom ***jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi*** tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, ***u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.***	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom ***jikkontribwixxu għall-objettivi*** tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, ***li huma rilevanti għall-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tiegħu.***

Or. en

Emenda 193
Rasa Juknevičienė

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom ***jinkludu azzjonijiet biex jinkiseb kull wieħed mill-objettivi*** tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, ***u, li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-objettivi tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet identifikati.***	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prijoritajiet tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom ***jikkontribwixxu għall-objettivi*** tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, ***li huma rilevanti għall-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi tiegħu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tipprovdi l-flessibbiltà meħtieġa biex jiġi żgurat li l-appoġġ tal-Unjoni jkun jista' jiġi mmirat lejn l-isfidi tas-sigurtà u l-ħtiġijiet l-aktar rilevanti għall-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 194
Assita Kanko

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu implimentati permezz tal-miżuri ta' implimentazzjoni elenkati fl-Anness I.
	Sabiex jiġu indirizzati ċirkostanzi mhux previsti jew ġodda, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 4a biex temenda l-lista ta' miżuri ta' implimentazzjoni fl-Anness I.

Or. en

Emenda 195
Cecilia Strada

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament ma jirrappreżentawx riskju għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tirrifletti l-premessa 16.

Emenda 196
Raquel García Hermida-Van Der Walle, Fabienne Keller, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Sophie Wilmès, Abir Al-Sahlani, Jan-Christoph Oetjen

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Ambitu tal-appoġġ
	1. L-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna għandu jkun iddedikat biss għal prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud tal-Unjoni, u għandu jiffinanzja miżuri tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità, it-taħriġ konġunt tal-persunal u l-kooperazzjoni tal-pulizija, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali li jinvolvu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni, speċjalment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, aktar kooperazzjoni operazzjonali u appoġġ għall-isforzi meħtieġa biex jissaħħu l-kapaċitajiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata.
	2. L-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna ma għandux ikopri:
	- il-kostijiet operatorji u l-attivitajiet relatati mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna u nazzjonali;
	- il-kostijiet tal-introduzzjoni u ż-żamma tal-kontrolli tal-fruntieri interni;
	- l-iżvilupp, ix-xiri u l-użu ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza;

- il-kostijiet biex jiġu ddelegati kompiti statutorji jew pubbliċi lil atturi privati.

3. L-appoġġ tal-Unjoni għas-sigurtà interna ma għandux jiffinanzja azzjonijiet imħejjija jew imwettqa minn fornituri b'riskju għoli li l-esponiment tagħhom għal interferenza minn pajjiżi terzi jew prattiki taċ-ċibersigurtà inadegwati jista' joħloq riskji serji għall-integrità u d-disponibbiltà tad-data u s-servizzi, inkluż għall-infrastruttura kritika, l-awtoritajiet pubbliċi u n-negozji tal-UE. Kwalunkwe esklużjoni jew restrizzjoni ta' tali fornituri għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u akkumpanjata minn miżuri ta' mitigazzjoni xierqa f'konformità mad-dritt u l-politiki tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 197
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Rispett għad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data
	1. L-azzjonijiet appoġġati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali. B'mod partikolari, tali azzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mal-liġijiet tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.
	2. Meta l-azzjonijiet appoġġati skont dan

ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar, l-iskambju jew it-trasferiment ta' data personali, inkluż ma' korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali jew partijiet privati, tali azzjonijiet għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u għandhom ikunu soġġetti għal salvagwardji xierqa.

3. Meta jimplimentaw azzjonijiet appoġġati skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari biex jassistu u jipproteġu lill-persuni vulnerabbli kif ukoll lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u lill-vittmi tal-kriminalità serja u organizzata.

Or. en

Emenda 198
Giuseppe Antoci

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Dawn li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli:
	(a) azzjonijiet limitati għaż-żamma tal-ordni pubbliku fil-livell nazzjonali;
	(b) azzjonijiet b'għan militari jew ta' difiża;
	(c) tagħmir li l-għan primarju tiegħu huwa l-kontroll doganali;
	(d) tagħmir koerċittiv, inklużi armi, munizzjoni, splussivi u lembubi tal-irvellijiet, ħlief għal finijiet ta' taħriġ;
	(e) premjijiet lil informaturi u flus lixka barra l-qafas ta' azzjoni operazzjonali taċ-

ċiklu ta' politika tal-UE/EMPACT.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, meta tinqala' sitwazzjoni ta' emerġenza, l-azzjonijiet kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a) jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli.

Or. en

Emenda 199
Saskia Bricmont, Jaume Asens Llodrà
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Rispett għad-drittijiet fundamentali
	L-azzjonijiet iffinanzjati taħt l-appoġġ tal-Unjoni għandhom jiġu implementati b'rispett shiħ għad-drittijiet fundamentali u d-dinjità tal-bniedem. B'mod partikolari, tali azzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-Karta, mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data u mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB). Meta jimplimentaw l-azzjonijiet taħt l-appoġġ tal-Unjoni, kull meta jkun possibbli, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-assistenza lil persuni vulnerabbli u lill-protezzjoni tagħhom, b'mod partikolari t-tfal u l-minorenni mhux akkumpanjati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 4 tar-Regolament FSI preċedenti.

Emenda 200
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Barra minn hekk, l-approprjazzjonijiet baġitarji għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, implimentati permezz tal-Faċilità tal-UE skont it-Titolu IV tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ***għall-agrikoltura*** u rurali, ***għas-sajd*** u ***għas-settur marittimu***, ***għall-prosperità*** u ***għas-sigurtà***, għandhom jiġu stabbiliti fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali prevista fl-Artikolu 314 TFUE.	3. Barra minn hekk, l-approprjazzjonijiet baġitarji għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, implimentati permezz tal-Faċilità tal-UE skont it-Titolu IV tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ***l-agrikoltura*** u ***ż-żoni*** rurali, ***is-sajd*** u ***l-affarijiet marittimi***, ***il-prosperità*** u ***s-sigurtà***, għandhom jiġu stabbiliti fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali prevista fl-Artikolu 314 TFUE. ***Għandu jiġi żgurat li l-Faċilità tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika dwar l-Affarijiet Interni f'konformità mal-koeffiċjent tal-allokazzjoni stabbilit fl-Anness I tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028–2034.***

Or. en

Emenda 201
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-distribuzzjoni tar-riżorsi fost l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tkun ġusta u trasparenti. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-użu u d-distribuzzjoni tal-fondi taħt il-Faċilità tal-UE bejn il-

komponenti tagħha msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, inkluż dwar l-appoġġ ipprovdut lill-azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom taħt l-azzjonijiet tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 202
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Mill-inqas 20 % tar-riżorsi allokati skont dan ir-Regolament għandhom ikunu ddedikati għal miżuri li għandhom l-għan li jsaħħu l-protezzjoni, il-monitoraġġ, it-tħejjija u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika, l-entitajiet kritiċi u l-kapaċitajiet tas-sigurtà relatati mal-protezzjoni ċivili kontra t-theddid terroristiku, il-kriminalità organizzata, l-attakki ċibernetiċi, is-sabotaġġ u t-theddid ibridu.

Or. en

Emenda 203
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-issodisfar tad-dispożizzjonijiet f'dan l-artikolu għandu jiġi mmonitorjat minn kull Stat Membru mill-kumitat ta' monitoraġġ rispettiv tiegħu kif stabbilit fl-Artikolu 54 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-

agrikoltura u l-iżvilupp rurali, is-sajd u l-affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028–2034.

Or. en

Emenda 204
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. Mill-inqas 15 % tar-riżorsi allokati skont dan ir-Regolament għandhom ikunu ddedikati għall-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija u dik ġudizzjarja, inklużi skwadri ta' investigazzjoni konġunta, operazzjonijiet konġunti, skambju sigur ta' informazzjoni, sistemi interoperabbli, kapaċitajiet ta' evidenza diġitali, taħriġ u tagħmir operazzjonali.

Or. en

Emenda 205
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għal miżuri li huma relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u ***t-trasport***	4. Għal miżuri li huma relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u ***l-***

marittimu, il-prosperità u s-sigurtà, u fejn il-Kummissjoni ***tipproponi deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova*** l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u ***s-settur marittimu***, il-prosperità u s-sigurtà, hija għandha ***tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni ta'*** dawk il-miżuri.

affarijiet marittimi, il-prosperità u s-sigurtà, u fejn il-Kummissjoni ***tadotta att delegat li japprova*** l-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u ***l-affarijiet marittimi***, il-prosperità u s-sigurtà, hija għandha ***tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 4b biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tapprova*** dawk il-miżuri.

Or. en

Emenda 206
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta ***tagħmel proposta għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill*** dwar il-miżuri relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, ***il-proposta tal-Kummissjoni għandha tistabbilixxi*** l-elementi msemmija fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u rurali, is-sajd u ***t-trasport marittimu***, il-prosperità u s-sigurtà, fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.	5. Meta ***tadotta att delegat*** dwar il-miżuri relatati mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, ***l-att delegat għandu jistabbilixxi*** l-elementi msemmija fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ***ż-żoni*** rurali, is-sajd u ***l-affarijiet marittimi***, il-prosperità u s-sigurtà, fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

Or. en

Emenda 207
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija*** fil-paragrafu 4, bħala regola, fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u flimkien ***mad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija*** fl-Artikolu 23***, il-paragrafu (1) [proposta tal-Kummissjoni u deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill]*** tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u ***s-settur marittimu***, il-prosperità u s-sigurtà.	6. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi*** fil-paragrafu 4, bħala regola, fi żmien erba' ġimgħat mill-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni u flimkien ***mal-att delegat imsemmi*** fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, is-sajd u ***l-affarijiet marittimi***, il-prosperità u s-sigurtà.

Or. en

Emenda 208
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, ***tas-sajd*** u marittimi, il-prosperità u s-sigurtà dwar l-emendar tal-Pjanijiet għandu japplika, dment li ***l-proposta tal-Kummissjoni u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li japprovaw l-emendi tal-elementi*** elenkati fl-Artikolu 23(4) ***ikopru*** biss l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.	7. L-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura u ż-żoni rurali, ***is-sajd*** u ***l-affarijiet*** marittimi, il-prosperità u s-sigurtà dwar l-emendar tal-Pjanijiet għandu japplika, dment li ***l-att delegat li japprova l-elementi*** elenkati fl-Artikolu 23(4) ***ikopri*** biss l-objettivi msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 209
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Rapportar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill
	1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament, inkluż dwar l-użu u d-distribuzzjoni tal-finanzjament ipprovdut permezz tal-Faċilità tal-UE u dwar l-appoġġ ipprovdut għal azzjonijiet f'pajjiżi terzi jew b'rabta magħhom.
	2. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, l-allokazzjoni tal-finanzjament, il-progress milħuq meta mqabbel mal-indikaturi tal-prestazzjoni applikabbli, u l-miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-konformità mad-drittijiet fundamentali u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.
	3. Meta, abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-Faċilità tal-UE, il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tqis dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

Or. en

Emenda 210
Kristian Vigenin, Evin Incir, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Matjaž Nemec, Chloé Ridel, Krzysztof Śmiszek, Katarina Barley

Proposta għal regolament

Artikolu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4b
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4 għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
	3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jirrevoka fi kwalunkwe ħin id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
	5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
	6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu

jiġi estiż b'xahar fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 211
Lena Düpont

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Anness I
	1. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (a) ta' dan ir-Regolament billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:
	(a) iż-żieda fit-taħriġ, l-eżerċizzji u t-tagħlim reċiproku, il-programmi ta' skambju speċjalizzati u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejniethom, inkluż fil-livell lokali, u ma' pajjiżi terzi u ma' atturi rilevanti oħra;
	(b) l-isfruttament tas-sinerġiji billi jinġabru flimkien ir-riżorsi u l-għarfien u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u atturi rilevanti oħra, inkluża s-soċjetà ċivili, permezz ta', pereżempju, il-ħolqien ta' ċentri konġunti ta' eċċellenza, l-iżvilupp ta' valutazzjonijiet tar-riskju konġunti, jew ċentri ta' appoġġ operazzjonali komuni għal operazzjonijiet immexxija b'mod konġunt;
	(c) l-akkwist ta' tagħmir rilevanti u l-istabbiliment jew l-aġġornament ta' faċilitajiet ta' taħriġ speċjalizzat u infrastruttura rilevanti għas-sigurtà essenzjali oħra sabiex jiżdiedu t-tħejjija, ir-reżiljenza, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u r-rispons adegwat fir-rigward

tat-theddid għas-sigurtà.

2. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b) billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:

(a) il-protezzjoni tal-entitajiet kritiċi u tal-infrastruttura kritika minn inċidenti relatati mas-sigurtà billi jiġu identifikati, ivvalutati u mneħħija l-vulnerabbiltajiet;

(b) l-akkwist ta' tagħmir rilevanti u l-istabbiliment jew l-aġġornament ta' faċilitajiet ta' taħriġ speċjalizzat u infrastruttura rilevanti għas-sigurtà essenzjali oħra biex jiżdiedu t-tħejjija, ir-reżiljenza, u rispons adegwat fir-rigward tat-theddid għas-sigurtà;

(c) l-istabbiliment, l-adattament u ż-żamma tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u deċentralizzati rilevanti għas-sigurtà, inkluż l-iżgurar tal-interoperabbiltà tagħhom, fejn rilevanti għas-sistemi ta' rispons għall-kriżijiet u ta' komunikazzjoni kritika;

(d) l-appoġġ għall-iżvilupp, l-ittestjar, il-varar u ż-żamma ta' sistemi ta' komunikazzjoni siguri interoperabbli u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tal-kriżijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u bejniethom, inklużi sistemi li jiżguraw il-kontinwità tal-operazzjonijiet matul inċidenti relatati mas-sigurtà u kriżijiet fuq skala kbira;

(e) it-tisħiħ tat-tħejjija, l-ippjanar tar-reżiljenza u l-kapaċitajiet ikkoordinati ta' rispons għall-kriżijiet tal-awtoritajiet kompetenti u tal-entitajiet kritiċi permezz ta' valutazzjonijiet tar-riskju, ippjanar ta' kontinġenza, eżerċizzji bbażati fuq xenarji u l-iżvilupp ta' protokolli operazzjonali komuni;

(f) l-appoġġ għall-akkwist, il-varar u l-interkonnessjoni ta' għodod ta' monitoraġġ diġitali, sistemi ta' sensuri, sistemi ta' protezzjoni tal-perimetru, sistemi ta' komunikazzjoni siguri,

monitoraġġ bis-satellita u għodod analitiċi, inklużi għodod appoġġati mill-IA, għall-protezzjoni ta' infrastruttura kritika u entitajiet kritiċi;

(g) it-tisħiħ tat-tħejjija u r-reżiljenza kontra theddid ibridu u inċidenti tas-sigurtà fuq skala kbira permezz ta' kapaċitajiet ta' twissija bikrija, ippjanar ta' kontinġenza, eżerċizzji ta' tħejjija u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni operazzjonali.

3. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (c) billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:

(a) l-iżgurar tal-applikazzjoni uniformi tal-acquis tal-Unjoni dwar is-sigurtà billi jiġi appoġġat l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti, pereżempju permezz ta' Prüm, il-PNR tal-UE u l-SIS II, inkluż permezz tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet minn mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità u ta' evalwazzjoni bħalma huma l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen u mekkaniżmi oħra ta' kontroll tal-kwalità u ta' evalwazzjoni;

(b) l-istabbiliment, l-adattament u ż-żamma tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u deċentralizzati rilevanti għas-sigurtà, inkluż l-iżgurar tal-interoperabbiltà tagħhom, u l-iżvilupp tal-għodda xierqa biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati;

(c) iż-żieda fl-użu attiv ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE u deċentralizzati rilevanti għas-sigurtà, billi jiġi żgurat li dawk is-sistemi jkunu pprovduti data ta' kwalità għolja;

(d) l-appoġġ għall-miżuri nazzjonali rilevanti, inkluża l-interkonnessjoni ta' bażijiet tad-data nazzjonali rilevanti għas-sigurtà u l-konnessjoni ta' dawk il-bażijiet tad-data mal-bażijiet tad-data tal-Unjoni, meta previsti fil-bażijiet legali rilevanti,

jekk rilevanti għall-implimentazzjoni tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (a);

(e) it-titjib fil-koordinazzjoni u ż-żieda fil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u bejniethom, u ma' atturi rilevanti oħra, pereżempju permezz ta' networks ta' unitajiet nazzjonali speċjalizzati, networks u strutturi ta' kooperazzjoni tal-Unjoni, u ċentri tal-Unjoni;

(f) it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell tal-Unjoni bejn l-Istati Membri u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll il-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti;

(g) l-appoġġ għall-iskambju, it-trattament u t-trażmissjoni siguri tal-evidenza diġitali f'investigazzjonijiet u proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera, inkluż permezz ta' għodod diġitali interoperabbli u kanali ta' komunikazzjoni siguri.

4. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:

(a) iż-żieda fl-għadd ta' operazzjonijiet ta' infurzar tal-liġi li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar, inklużi, fejn xieraq, operazzjonijiet li jinvolvu atturi rilevanti oħra, b'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar u t-titjib tal-użu ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta, viġilanzi konġunti, insegwimenti, sorveljanza diskreta u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni operazzjonali oħra fil-kuntest taċ-ċiklu ta' politika tal-UE, b'enfasi speċjali fuq operazzjonijiet transfruntiera;

(b) it-titjib fil-koordinazzjoni u ż-żieda fil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u bejniethom, u ma' atturi rilevanti oħra, pereżempju permezz ta' networks ta' unitajiet nazzjonali speċjalizzati, networks u strutturi ta'

kooperazzjoni tal-Unjoni, u ċentri tal-Unjoni;

(c) it-titjib tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell tal-Unjoni bejn l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll il-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru;

(d) l-isfruttament tas-sinerġiji billi jinġabru flimkien ir-riżorsi u l-għarfien u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u atturi rilevanti oħra, inkluża s-soċjetà ċivili, permezz ta', pereżempju, il-ħolqien ta' ċentri konġunti ta' eċċellenza, l-iżvilupp ta' valutazzjonijiet tar-riskju konġunti, jew ċentri ta' appoġġ operazzjonali komuni għal operazzjonijiet immexxija b'mod konġunt;

(e) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera, inkluża l-kooperazzjoni mal-Eurojust, l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta li jinvolvu l-awtoritajiet ġudizzjarji, u t-trattament ta' evidenza diġitali transfruntiera;

(f) l-appoġġ għall-kooperazzjoni operazzjonali li għandha l-għan li tipprevjeni u tidentifika theddid ibridu, u tirrispondi għalih, inklużi attakki ċibernetiċi, interferenza barranija, attakki kontra l-infrastruttura kritika u l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti.

5. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv speċifiku stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (e) billi jiffoka fuq il-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:

(a) il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' miżuri, salvagwardji, mekkaniżmi u l-aħjar prattiki għall-identifikazzjoni bikrija, il-protezzjoni u l-appoġġ għal xhieda, whistleblowers u vittmi tal-kriminalità serja u organizzata u l-iżvilupp ta' sħubiji bejn l-awtoritajiet pubbliċi u atturi rilevanti oħra għal dan l-għan;

(b) l-appoġġ għall-istabbiliment, l-aċċessibbiltà u t-tisħiħ ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi tal-kriminalità serja u organizzata, inkluża l-assistenza psikoloġika, legali u soċjali, u l-iżgurar tal-aċċess għal servizzi infurmati dwar it-trawma, inklużi għal persuni u tfal vulnerabbli;

(c) l-appoġġ għas-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ u l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet għall-awtoritajiet kompetenti u l-organizzazzjonijiet rilevanti dwar id-drittijiet tal-vittmi, l-approċċi ċċentrati fuq il-vittmi u l-prevenzjoni tal-vittimizzazzjoni sekondarja.

Or. en